



Ġurament ta' Mħallef ġdid fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Udjenza solenni tas-17 ta' Settembru 2012

Wara r-riżenja ta' Enzo Moavero Milanesi, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ħatru, permezz ta' deċiżjoni tas-5 ta' Settembru 2012, lil Guido Berardis bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għall-kumplement tal-mandat tiegħu, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2013.

Illum inżammet udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tal-ġurament ta' Guido Berardis.

Guido Berardis

Imwieled fl-1950; gradwat fid-dritt (Università ta' Ruma, La Sapienza, 1973), lawreat fi studji għolja Ewropej mill-Collège d'Europe (Bruges, 1974-1975); uffiċjal tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (direttorat "Affarijiet internazzjonali" tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura, 1975-1976); membru tas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1976-1991 u 1994-1995); rappreżentant tas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fil-Lussemburgu (1990-1991); référendaire mal-Imħallef G. F. Mancini tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1991-1994); Kunsillier ġuridiku mal-membri tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej M. Monti (1995-1997) u F. Bolkestein (2000-2002); Direttur tad-Direttorat "Politika ta' kuntratti pubbliċi" (2002-2003), tad-Direttorat "Servizzi, proprjetà intellettuali u industrijali, mezzi tal-komunikazzjoni u protezzjoni ta' data" (2003-2005) u tad-Direttorat "Servizzi" (2005-2011) fid-Direttorat Ġenerali "Suq intern" tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej; Kunsillier ġuridiku prinċipali u direttur tal-grupp "Ġustizzja, libertà u sigurtà, dritt ċivili u dritt kriminali" fis-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni Ewropea (2011-2012); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2012.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lil-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](http://Europe.by.Satellite)" ☎ (+32) 2 2964106